**RAPPORT**

**ISTITUT FORMAZZJONI PASTORALI**

**GUNJU 2009**

## DAHLA

Ghan ewlieni ta' l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI (IFP) johrog mill-fatt li l-Knisja f'Malta, fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni, tagħraf bħala impenn urġenti l-formazzjoni tal-membri tagħha. Is-sejħa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan turi biċ-ċar waħda mill-ikbar sfidi li għandha quddiemha l-Knisja f'Malta bħalissa: dik li tipprepara nsara għall-ħtigijiet veri tar-realtà soċjali kif inhi llum.

Permezz ta' l-IFP, il-Knisja trid ukoll toffri spazji formattivi ghal dawk il-kategoriji u gruppi fis-soċjetà li, għalkemm mhumiex direttament impenjati pastoralment, iħossu l-ħtieġa li fit-twettiq tal-ħidma jew tal-professjoni tagħhom jagħmlu konfront kontinwu u profond mal-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu.

L-IFP għalhekk irid jipprovdi formazzjoni ħolistika kif meħtiega lill-membri kollha tal-komunità kattolika f'Malta. Fl-isforz sabiex tissaħħaħ l-identità ta' din il-komunità ta' aħwa, l-Istitut irid: joffri opportunitajiet ta' (a) formazzjoni permanenti, u (b) ta' esperjenzi spiritwali; (ċ) jippromwovi l-formazzjoni professjonali ta' l-operaturi pastorali għat-twettiq tal-ministeri u tal-ħidmiet tagħhom; (d) kif ukoll jipprovdi esperjenzi ta' djalogu mas-soċjetà Maltija.

L-IFP dejjem fittex fuq kollox li johloq qafas u hidma li tesprimi l-vizjoni tas-Sinodu Djocesan. Din kienet u hija esperienza ekklezjali sabiha. Fittixna li nghixu dan l-impenn bhala komunità, b'mumenti ta' talb u riflessjoni fuq il-kelma t'Alla kif ukoll mumenti socjali u familjari li servewna bhala opportunitajiet ta' ispirazzjoni.
Irridu li l-imhabba taghna lejn il-Knisja nkomplu nfittxu li nittraducuha f'impenn apostoliku u proposti pastorali li jitwieldu fi djalogu ma' min jesprimi l-bzonn taghhom u fl-istess waqt ihoss li jkun mghejjun u sfidat minnhom.
Irridu nkomplu naghtu mportanza kbira lill-kollaborazzjoni ma' tant agenziji fi hdan il-knisja u ma' tant persuni li bhalna jhobbu lill-Knisja u bhalna jixtiequ jarawha isbah u ishah.

Nharsu lejn il-gejjieni b'tama qawwija ghax dan kollu huwa xoghol il-Mulej, li assigurana li se jibqa' maghna sa l-ahhar taz-zmien.

## PROPOSTI MWETTQA

Matul is-sena 2008–2009, l-IFP kien impenja ruħu f'dawn il-proposti formattivi li gew imwettqa:

1. Bhalma saru ghal dawn l-ahhar tlett snin, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-CARITAS, saru *seminars* ghall-membri professjonali u dawk impenjati fl-amministrazzjoni fi hdan l-istituzzjonijiet tad-djakonija. Dawn it-tlett *seminars*, li kellhom it-temi *Is-Sitwazzjoni Kontemporanja Socjali, Kulturali u Religjuza f'Malta*; *Il-Familja fis-Sitwazzjoni Kontemporanja Socjali, Kulturali u Religjuza f'Malta*; u *Il-Fqar fis-Sitwazzjoni Kontemporanja Socjali, Kulturali u Religjuza f'Malta* rispettivament kellhom l-iskop li jghinu lil dawn l-impjegati tant apprezzati fil-kamp tad-djakonija jirriflettu dwar il-hidma taghhom fid-dawl tal-Vangelju. Hemm il-hsieb li jinoffru seminars ohra matul is-sena li gejja.
2. Gie offrut l-*Advanced Certificate in Christian Leadership* (kors li jikkonsisti f'erba' modules) lil grupp ta' 35 persuna li kienu digà kkompletaw c-*Certificate in Christian*

*Leadership*. Din il-proposta, li tkompli tizviluppa l-vizjoni nisranija ta' tmexxija ghal-lajci *leaders* fi hdan il-movimenti u l-ghaqdiet, giet milqugha tajjeb hafna.

3. Flimkien mas-Segretarjat Hidma Parrocci, l-IFP rega' offra zewg seminars ghall-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali (KPP). Dawn saru fis-17 u 18 ta' April 2009 u kellhom attendenza ta' madwar 450 persuna. It-tema kienet *Attitudnijiet li Jghinu jew Itellfu l-Komunjoni Bejnietna*. Barra tahdita minn Dun Anton Theuma u esperjenzi ta' komunjoni minn xi kelliema kien hemm ukoll mument ta' *workshops* u celebrazzjoni ta' talb flimkien. Il-presentazzjoni ta' Dun Anton giet imqassma mis-Segretarjat Hidma Parrocci biex isservi ghar-riflessjoni fil-KPP stess. Hemm il-hsieb li jinoffru seminars ohra ghall-membri ta'KPP matul is-sena li gejja.
4. Mas-Segretarjat tal-Kleru u tal-Hajja Konsagrata, l-IFP ikkollabora fl-ippjanar ta' *seminars* ta' nofs ta' nhar li se jsiru fuq il-livell ta' Distretti u li matulhom is-sacerdoti djocesani u religjuzi jkollhom spazju ghal riflessjoni personali, qsim ta' idejat u fraternità. Dawn is-*seminars* se jkollhom it-tema *It-Talb fil-Hajja tas-Sacerdot*.
5. Fil-kamp taz-zghazagh u l-adolexxenti, l-IFP kompla joffri diversi proposti. F'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Djocesana Zghazagh (KDZ) u l-Fakultà tat-Teologija jezisti l-kors *Certificate in Youth Ministry*. Ghal dawk li ma ghandhomx l-opportunità li jsegwu dan il-kors intensiv, f'kollaborazzjoni mal-KDZ u Segretarjat tal-Katekezi, qed jigi offrut il-kors *Short Certificate in Adolescent and Youth Ministry*. Sar ukoll programm ta' *weekends* (f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat ghall-Katekezi u mal-KDZ) u ta' korsijiet monografici (f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat ghall-Katekezi) li jservu ta' *on-going formation* ghall-*Youth Leaders*. Minn din is-sena (2009-10), il-Fakultà tat-Teologija se toffri l-kors *Masters in Youth Ministry*. Ma' dan irridu nzidu x-xoghol siewi sar biex tigi finalizzata mappa ta' formazzjoni fil-kamp tal-*Youth Ministry*. Fix-xhur li gejjin din se tkun ipprezentata lill-Isqfijiet ghall-konsiderazzjoni taghhom. Din il-mappa inhadmet f'kollaborazzjoni bejn l-IFP, KDZ u Segretarjat tal-Katekezi.
6. Fil-kamp tal-familja bhalissa qed isiru diskussjonijiet biex noffru korsijiet ta' formazzjoni li jhejju lil dak li jkun ghall-ministeru fil-qasam tal-familja. Fuq linji simili ghall-kamp tal-*youth ministry*, qed nipprocedu ghal vizjoni simili fil-kamp tal-*family ministry*. Hawnhekk, il-kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teologija, mal-Moviment ta' Kana u mal-Kummissjoni Djocesana Familja (KDF) hija pozittiva hafna u nemmnu li se thalli l-frott mixtieq. Fil-fatt, minn din is-sena (2009-10), il-Fakultà tat-Teologija se toffri l-kors *Masters in Family Ministry*. Ukoll, il-kors *Short Certificate in Natural Family Planning* tfassal b'mod gdid biex ikun jista' jkun akkreditat. Qed isir djalogu biex il-kors ta' thejjija ghall-koppji mexxejja tal-Korsijiet ta' Kana jigi approfondit ahjar.
7. F'kollaborazzjoni mac-Centru Spiritwalità Injazjana qed ikompli l-kors ta' tlett snin dwar l-ispiritwalità u d-direzzjoni spiritwali li issa wasal fit-tielet sena tieghu. L-esperjenza tac-CSI f'dan il-qasam u l-kollaborazzjoni ma' l-IFP qed iwasslu ghal proposta bzonnjuza u apprezzata f'dan is-settur. Dan il-kors ta' tlett snin ghandu jerga' jigi offrut fl-2009-12.
8. Flimkien mac-Centru Fidi u Gustizzja l-IFP se jerga' jibda kors ta' sitt *modules* dwar it-taghlim socjali tal-Knisja *Short Certificate in Catholic Social Teaching*. Il-format ta' dan il-kors u l-kontenut li fih jaghmluha facli ghal min jixtieq jesplora dan is-settur biex ikun iktar midhla tat-taghlim socjali tal-Knisja. Hija proposta li digà lahqet persuni li jistghu jaghmlu mpatt nisrani serju fil-kamp fejn qed jahdmu – fil-fatt digà gie segwit minn 20 persuna li se jiggradwaw f'Novembru li gej. L-IFP qed jahdem, f'kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teologija u mal-*Fundazzjoni Centesimus Annus*, biex jinoffra wkoll kors aktar specjalizzat mahsub ghal dawk li jahdmu fil-qasam ekonomiku.
9. Djalogi fis-Socjetà: din hija esperienza ta' djalogu li qed tkun apprezzata. Din is-sena, flimkien mal-*Fundazzjoni Centesimus Annus* gie organizzat djalogu dwar il-'credit crunch'. bit-tema, "*Society and Religion amidst the present Credit Crunch and Global Financial Unease*". Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2009 fil-Corinthia Palace Hotel, Attard.

Il-kelliema kienu Dr. Catherine McGeachy, is-Sur Mario P. Galea u s-Sur Roderick Chalmers. Kien hemm attendenza tajba hafna ta' dawk li jahdmu fis-settur finanzjarju u ekonomiku. It-tama hija li din tkompli tizviluppa f'esperjenza ta' djalogu u smigh li turi l-identità ta' Knisja pellegrina; fil-fatt, is-sena d-diehla hemm hsieb li d-Djalogi mas-Socjetà jiffukaw fuq il-*media* u jsiru ma' min jahdem f'dan il-qasam. It-tema, li ghandha tinhadem f'kolloborazzjoni tas-Segretarjat Kommunikazzjoni Socjali, se tkun *Media Sekulari ghall-Knisja*.

10. L-IFP offra kors ta' formazzjoni *Short Certificate in Evangelisation* fl-Unità Pastorali 12. Ghal dan il-kors, ta' formazzjoni teologika bazika ghall-operaturi pastorali fil-parrocca u ghal dawk li jmexxu ghaqdiet u movimenti, attendew 35 operatur/a pastorali. Il-kors kien ferm apprezzat mill-partecipanti u kien esperienza gdida ghall-IFP li permezz taghha qed ikun strument u opportunità ta' formazzjoni fuq firxa dejjem iktar wiesgha. Fil-fatt hemm il-hsieb li s-sena d-diehla jinoffra fl-Unità Pastorali 15.
11. Kien hemm kollaborazzjoni sabiha mal-Fakultà tat-Teologija, kollaborazzjoni li wasslet biex isiru l-korsijiet tal-*Masters in Spirituality, Masters in Spiritual Companionship, Masters in Youth Ministry* u *Masters in Family Ministry*. Qed isir hsieb li din il-kollaborazzjoni tkompli tizviluppa u ssir izjed profonda.
12. Inbeda diskors strutturat mal-*Malta Qualifications Council* biex nahsbu dwar l-akkreditazzjoni tal-korsijiet li noffru bhala IFP. Dan id-diskors issa wasal fi stadju ferm avvanzat. L-IFP qed jahseb biex joffri servizz lill-agenziji kollha fi hdan il-knisja biex il-korsijiet li jinoffru jkunu rikonoxxuti civilment.
13. F'kolloborazzjoni mal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni qed nahdmu biex noholqu programm li jservi ghall-formazzjoni ta' l-ghalliema b'mod li jikkumplimenta – ghal dawk li jixtiequ – l-formazzjoni akkademika taghhom. Fil-fatt is-sena d-diehla (2009-10) se jigu offruta *on-going formation sessions* lill-ghalliema tar-Religjon.
14. F'kollaborazzjoni mas-Segretarjat ghall-Katekezi, f'Ottubru 2009, se jinbeda *Kors Introduttiv ghat-Teologija*. Il-kors ikun mifrux fuq sentejn u jagħti introduzzjoni ġenerali ghal temi u reflessjonijiet Teoloġiċi.
15. F'kollaborazzjoni ma' l-Ufficcju Missjunarju u mac-Centru Animazzjoni Misssjunarja sar *Short Certificate in Missiology* li ghalih attendew 30 persuna. Dan il-kors se jerga' jinoffra din is-sena.

PROPOSTI TA' HIDMA GDIDA GHAS-SENA 2009-10:

1. F'kollaborazzjoni mal-*Fondazzjoni Centesimus Annus*, il-*Kummissjoni Teologika* u l-*Kummissjoni Gustizzja u Paci* l-IFP qed jimpenja ruhu li jizviluppa inizzjattiva biex jinholoq spazju ta' djalogu u riflessjoni – kif ukoll servizz ta' formazzjoni nisranija specjalizzata – ghal dawk involuti fil-qasam tal-politika u l-ekonomija. Dan ghandu jibda fuq l-isfond ta' l-Enciklika *Caritas in Veritate*.
2. F'kolloborazzjoni mal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni u mal-Ministeru ta' l-Edudazzjoni inkomplu nizviluppaw programm li jservi ghall-formazzjoni ta' l-ghalliema b'mod li jikkumplimenta – ghal dawk li jixtiequ – l-formazzjoni akkademika taghhom.
3. Isir diskors mal-Segretarjat ghall-Hajja u Hidma fil-Parrocci biex jigi zviluppat programm ta' formazzjoni li jghin biex il-parrocci ikun dejjem izjed komunjoni ta' komunitajiet.
4. F'kollaborazzjoni mas-Segretarjat ghall-Katekezi, isir programm ta' formazzjoni permanenti ghar-*religious counsellors*.
5. Jinhadem b'mod sistematiku u f'qafas pastorali l-programm ghall-formazzjoni tal-ministri fil-qasam tal-liturgija.
6. Issir hidma b'risq il-formazzjoni permanenti tas-sacerdoti fis-sens ta' pjan ta' formazzjoni ghas-sacerdoti fl-ewwel hames snin tas-sacerdozju u studju dwar il-possibbiltà ta' zmien sabbatiku programmat ghas-sacerdoti, u tigi zviluppata esperjenza formattiva qasira ghall-kappillani godda.

7. Nahdmu biex id-diskors strutturat mal-*Malta Qualifications Council* dwar l-akkreditazzjoni tal-korsijiet li noffru bhala IFP jigi mitmum u biex l-IFP tkun tista' toffri servizz lill-agenziji kollha fi hdan il-knisja biex il-korsijiet li jinoffru jkunu rikonoxxuti civilment.

## KONKLUŻJONI

L-IFP, matul iz-zmien li ilu jiffunzjona, fittex li jkun attent għall-ispirtu mogħti mis-Sinodu Djoċesan u jimxi fuqu. Fil-fatt, saret hidma sabiha fi spirtu ta' komunjoni vera. L-esperjenza s'issa kienet waħda pożittiva u tawgura tajjeb għall-ġejjieni, l-iktar meta jridu jiġu studjati u milqugħa sfidi ġodda li se jitolbu kemm kuraġġ u kemm umiltà biex jiġu affrontati minna bħala nsara.